

# KWADRI EX-VOTO

jikteb

## Louis Fenech



Hekk kif il-bniedem jinduna li ma jistax jikkontrolla kollox, f'dik li hija mard, xogħol u mitt ħaġ'oħra, iħoss il-bżonn li għandu jirrikorri għand xi ħadd, xi esseri aqwa minnu, xi forza superjuri, li jemmen li jista' jgħinu jakkwista dak li għandu bżonn ta' malajr mingħandu. Kienu joffru sagrifiċċju biex l-art ittihom il-ħxejjex u l-frott meħtieġ. U kienu joffru sagrifiċċju wara li kienu jiġu minn wara xi gwerra li kienu rebħu bħala ringrazzjament. U sagrifiċċji biex ibegħdu l-għajn ħażina li kienet il-kaġun ta' mard u sfortuna oħra.

U hekk naraw li l-bniedem mill-bidu beda joffri sagrifiċċji lil allat, bil-ħsieb li jaqla' dak li għandu bżonn bl-interċessjoni tagħhom. Bnew tempji – li minnhom għandna eżempji u ta' fama mondjali - fejn kienu jagħtu l-qima meħtieġa u joffru s-sagrifiċċju bil-ħruq ta' annimali. U anke Alla jemmen u jistenna sagrifiċċji mingħandna wara dawk il-grazzji kollha li jxerred fuqna. Jekk immorru fit-testment il-Qadim, naqraw li kemm Abel kif ukoll Kajjin kienu joffru sagrifiċċju lil Alla. Naraw lil Abraham jobdi lil Alla biex joffri lil ibnu l-waħdieni Iżakk - għalkemm kienet prova - biex jara kemm kien iħobbU Abraham. U meta Alla raha il-fidi ta' Abraham, waqqfu u urieħ bhima li kienet marbuta ftit il-bogħod minn fejn kien u qallu biex joffrihielu. Naraw li Alla offra lill-Ibnu b'sagrifiċċju

biex jeħles lill-bniedem mit-telfien ta' dejjem. U ħafna eżempji oħra.
Jekk immorru lura meta Sir Temi Żammit kien qed jagħmel l-iskavi fl-1915-17 fuq il-megaliti kienu ġew osservati li dawn kellhom xi grif fuqhom. Riedu jgħaddu xi 40 sena meta sar l-istudji fuqhom. U beda l-apprezzament tagħhom meta wieħed iqis li dawn il-graffiti huma fost eqdem, jekk mhux l-eqdem fl-Ewropa. Dawn kienu forom ta' dgħajjes u figuri oħra, inċiżi fil-ġebla b'xi ħaġa rqiqa u bil-ponta mal-ħitan ħafna drabi tal-knejjes. Imbagħad bdew isibu li dan it-tħażżiż l-aktar li nstabu kien fuq il-ħitan ta' ħafna knejjes medjevali. Dawn kienu jitħallew isiru għaliex kienu juru tip ta' devozzjoni u apprezzament ta' diversi raġunijiet ta' min kien jagħmilhom.
U x'kienu jfissru dawn il-figuri, li ġeneralment kienu bastimenti fil-maltemp, bil-figura tal-Madonna fir-rokna ta' dawn il-kwadri. Dawn kienu jew bħala wegħda lil Alla biex itihom vjaġġ tajjeb, jew inkella biex jirringrazzjaw lil Alla talli ħelishom minn xi għawġ fuq il-baħar u waslu lura Malta qawwijin u sħaħ.



U mhix Maltin biss kienu juru l-apprezzament tal-grazzji li kienu qalgħu. Hemm diversi kwadri offruti minn baħħara stranġieri li l-ħelsin mill-għawġ sar qrib gżiritna. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-graffiti jinsabu fuq ħitan ta' knejjes/kappelli rurali. U għaliex kienu jsiru fuq kappelli qalb il-kampanja wieħed għad irid jiskopri.
Iżda l-bniedem meta għadda ż-żmien ma baqax juri l-apprezzament tal-grazzji maqlugħa billi kien jagħmel figuri fuq il-ħajt. Issa beda juri l-apprezzament fuq it-tila, jew fuq l-injam jew inkella fuq il-karta jew lavanja. Wera l-apprezzament tal-wegħda maqlugħa billi għamel graffiti fejn jidhru u offra kwadri b'xeni ta' dak li għadda minnu. Allura wieħed seta' jifhem aktar x'kienet ir-raġuni ta' dak il-kwadu jew inkella ta' dak l-oġġett li din id-darba offra lil xi kappella jew knisja.
Hawn ħafna knejjes li għandhom dawn il-kwadri. Kwadri li dak li jkun ikun għamel wegħda u bl-interċessjoni tal-Madonna jew qaddis jew qaddisa li kellu l-fiduċja fihom li ser isib l-għajnuna mingħandu/ha. Issa dawn ġeneralment

kienu jsiru minn pellegrini li kienu ħafna drabi jinvistaw lis-santwarji jitolbu l-grazzja li għandhom bżonn, u meta jaqilgħu dak li talbu kienu joffru, deheb, jew ħwejjeġ jew oġġetti, bħall krożżi, u anke pittura li ħafna drabi kienu juri l-għawġ li ltaqgħu miegħu fuq il-baħar. U ħafna drabi dawn il-kwadi votivi kien ikollhom l-immaġini tal-Madonna, li l-aktar li kienet tintalab l-interċessjoni.

Fost dawn il-kappelli jew knejjes li għandhom dawn il-kwadri jew oġġetti insemmu is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba; is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa; is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu ġewwa Għawdex. Insibu kwadri votivi wkoll fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas; fil-kappella tal-Madonna tad-Dawl f'Marsaskala u hawn ħafna kappelli li forsi m'għandhomx il-kwantitajiet li għandhom is-Santwarji li semmejna 'l fuq. U wieħed ma jistax jinsa l-mużew tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż Żabbar fejn insibu kamra apposta u kronoloġika tal-wegħdi li saru bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Grazzja. Insibu wkoll aktarx l-aktar kwadru votiv antik. Hemm ukoll l-aktar kwadru li jista' jkun minn ta' l-aħħar.



X'kien il-Madonnaru. Dan huwa l-bniedem li kien espert f'dawn it-tip ta' kwadri votivi. Meta wieħed kien għaddi minn xi esperjenza kerha, u ħeles mill-għawġ kien ried jesprimi f'xogħol ta' arti dak li għadda minnu fi kwadru. Dan kien imur għand dan l-espert, ifissirlu l-għawġ li għadda minnu, u bl-esperjenza li jkollu ifissurlu dak li għadda minnu fi kwadru li jissejjeħ ex-voto.

Mela wieħed jista' jgħid li l-bniedem dejjem wera l-apprezzament għall-grazzji li jkun qala'. U naraw ukoll li fuq dawn il-kwadri dejjem naraw dak l-apprezzament fil-kelmiet V.F.G.A., voto fatto grazzja accepit - 'il-wegħda saret u l-grazzja qlajta'. Illum forsi l-grazzi wieħed jurihom f'santi, bil-figura tal-qaddis jew qaddisa lil min saret it-talba u l-grazzja maqlugħa, li jitqassmu, jew inkella jitħallew fil-knisja jew kappella biex jinġabru minn dawk li jmorru hemm.

Bil-ħila tiegħu il-bniedem ma jista' jagħmel xejn. Li wieħed idur lejn il-ħallieq u jittama fiH, hija l-uniku tama li teżisti. U dan narawh fil-qima' li tingħata lil Alla, jew meta wieħed jitlob l-interċessjoni tal-qaddisin.